MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1891/2002

**Strand Electronics Limited
vs
Imnarja Ventures Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra l-avviz ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm 169.39c (mija u disgha u sittin lira Maltin u disgha u tlettin centezmi) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata, ta' servizzi rezi u ta' kiri ta' makkinarju,

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Frar, 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data tal-konsenja.

Ra' r-risposta fejn is-socjeta konvenuta eceppiet li ma ghandha l-ebda relazzjoni giurdika mas-socjeta attrici u m'hiex il-legittimia kontradittur.

Illi fit-tieni lok u minghajr prejudizzju ghas-suespost is-socjeta’ konvenuta ma hiex debitrici tas-socjeta attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi x-xhieda moghtija minn Joe Abela, id-direttur u l-uniku azzjonista tas-socjeta’' konvenuta hija ferm illuminanti. Il-post fejn gie suppliet il-materjal, l-istes ufficcju l-istess apparat inkluz il-photocopier, hija proprjeta' tal-kumpanija tieghu. Jiehu hsieb hu - kontijiet precedenti kien hallashom. Kien hemm okkazzjoni fejn bidel flok sewwa. Baqa skantat ghax f'din ic-cirkostanza ma cemplulux u nfurmawh b'dan kollu.

Veru li kien ha hsieb it-tifel tieghu. Daniel, pero' dan inzerta hemm ghal zmien qasir. Kien jirrangja bhal qabel, kieku qalulu.

It-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex din il-minima pendenza waslet f'dan l-istess stadju, aktar u aktar bejn zewg entitajiet kummercjali. Is-socjeta’ attrici imxiet kif ghamlet f'cirkostanzi precedenti. Il-konvenut ma aderixxa ruhu similarment peress li l-fond ma ghadhux mikri u ma jistax jigborhom. Ir-risku kien tieghu, mhux tas-socjeta’ attrici.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes skond il-ligi u bl-interessi mid-data tas-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------